

Errata: Linji gwida dwar is-superviżjoni ta' fergħat ta' impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz

Il-korrezzjonijiet li ġejjin ġew riflessi fil-Linji gwida aġġornati dwar is-superviżjoni ta' fergħat ta' impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz.

Linji Gwida

Fil-paragrafu 1.74 żdied il-paragrafu li ġej.

“d) il-punti kollha tad-data għandhom jiġu espressi bħala valuri pożittivi minbarra l-każijiet li ġejjin:

- (i) huma ta' natura opposta mill-ammont naturali tal-entrata;
- (ii) in-natura tal-punt tad-data tippermetti li jiġu rrapportati valuri pożittivi u negattivi;
- (iii) hu meħtieġ format ta' rapportar differenti mill-istruzzjonijiet rispettivi stabbiliti fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2450.”

Il-paragrafu 1.71a jiżdied wara 1.71

“L-awtorità superviżorja ospitanti għandha tiżgura li meta l-impriża tal-assigurazzjoni tal-pajjiż terz tesprimi l-valur ta' data storika denominata f'munita oħra li mhijiex il-munita tar-rappurtar, il-valuri kollha relatati ma' perjodi differenti ta' rapportar jiġu msarrfa fil-munita tar-rappurtar daqslikieku l-konverżjoni kienet saret bir-rata tal-għeluq fl-aħħar jum li għaliha tkun disponibbli r-rata xierqa fil-perjodu tar-rappurtar.”